**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Rennie Sivala**
**Spettur Bernard Bunce)**

**vs**

**Mark Camilleri**

**Kumpilazzjoni 285/2019**

**Illum 25 ta' Gunju 2019**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Mark Camilleri** detentur tal-karta tal-identità 301669M billi huwa akkuzat talli, f'dawn il-gżejjer, f'Marzu 2019 u fix-xhur u s-snin li jiġu mmedjatament qabel, b`diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b`riżoluzzjoni waħda, fil-kapaċita' tiegħu ta' surġent tal-Pulizija bin-numru tas-servizz 652;

1. b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tiqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn ħames mitt euro (€500) iżda mhux aktar minn ħamest elef euro (€5000),għad-dannu tal-Gvern ta' Malta u/jew l-Korp tal-Pulizija**;**
2. Kif ukoll talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi bi ħsara ta' ħaddieħor, għamel xi qligħ b'qerq ta' aktar minn ħames mitt euro (€500) iżda mhux aktar minn ħamest elef euro (€5000)**;**
3. Kif ukoll talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi bħala uffiċjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk kellu kemm jekk ma kellux jedd li jesigi flus jew ħwejjeġ oħra bħala salarju tad-dmirijiet tiegħu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, illi, taħt il-libsa tal-kariga tiegħu, jesiġi dak li l-liġi ma tippermettix, jew iżjed minn dak li tippermetti l-liġi, jew qabel iż-żmien li jmiss skont il-liġi, meta qarraq fit-talbiet tas-sahra tiegħu u ffalsifika l-firma ta' min suppost kien jawtorizzatali siegħat ta' xogħol bħala sahra;
4. Kif ukoll talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi bħala uffiċjal pubbliku, ffalsifika ċedula, polza, ordni, jew dokumenti oħra, illi meta jiġu preżentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas, jew jieħu l-kunsinna ta' oġġetti, jew jiġbor depożitu jew rahan minn uffiċċju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;

5. Kif ukoll talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku illi, minħabba l-kariga jew l-impieg tiegħu, kien fid-dmir li jagħmel jew jagħti dikjarazzjoni jew ċertifikat, għamel jew ta dikjarazzjoni falza jew ċertifikat falz;
6. Kif ukoll talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f' xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta tagħrif falz;
7. Kif ukoll talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku illi, fl-eżerċizzju tad-dmirijiet tiegħu, għamel falsifikazzjoni b'firem foloz, jew b'tibdil f'atti, fi skritturi, jew f'firem, jew billi daħħal isem ta' persuna mhux vera, jew b'kitba magħmula jew imniżżla f'reġistri jew f' atti pubbliċi oħra, wara li jkunu ġa iffurmati jew magħluqa;

Il-Qorti giet ġentilment mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id – dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-*Money Laundering*, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A (2) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet wkoll ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija, tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Finalment, il-Qorti giet ukoll ġentilment mitluba li f'każ ta sejbien ta' ħtija, tikkundanna lill-ħati għall-interdizzjoni ġenerali perpetwa.

**Ikkunsidrat:**

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tallum 25 ta' Gunju 2019 ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba wara li kkonsulta mal-avukat Joe Brincat li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali datat 13 ta' Marzu 2019;

Rat ir-rikors kongunt tal-Avukat Generali u d-difiza tal-25 ta' Gunju 2019 li jghid "*Illi l-esponenti konguntivament, filwaqt li jiddikjaraw li qeghdin jaqblu fit-termini tal-artiklu 392A(5) tal-Kodici Kriminali, umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti illi fl-eventwalita' prospettata u maqbula bejn il-partijiet li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkuzat Mark Camilleri ghall-imputazzjonijiet dedotti kontih, il-piena li ghandha tigi nflitta fuqu minn din l-Onorabbli Qorti ghandha tkun wahda ta' sentejn prigunerija bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A*

*tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jigu sospizi ghal erba' snin mid-data tal-ordni u dana b'direttiva li tobbliga lir-rikorrenti li jirrestitwixxi lill-parti offiza l-ammont ta' qliegh kontra l-ligi u/jew danni (Euro 4,934.54) fit-termini tal-artikolu 28H tal-istess Kodici Kriminali, u dan oltre l-hlas tal-ispejjez peritali kollha inkorsi f'dan il-kaz, u kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza ohra konsegwenzjali ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta' htija."*;

Il-Qorti semghet trattazzjoni dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti tenfasizza l-bzonn illi l-membri tal-Korpi Dixxiplinati u cioe' Pulizija, Armata, Protezzjoni Civili u sa certu punt l-Ufficjali tal-Komunita', eks Wardens ghandhom ikunu ta' ezempju fis-socjeta' u mhux biss hu mistenni minnhom li jimxu mal-ligijiet tal-pajjiz, izda li hajjithom tkun mibnija fuq valuri morali sodi u jaghtu l-ezempju lil kulhadd kull fejn ikunu u dan japplika mill-ghola Ufficjali sal-izghar Ufficjali tal-Korp;

Il-Qorti twegga' meta tkun f'postijiet varji f'dawn il-gzejjer u tara membri tal-Korp tal-Pulizija li bl-imgieba taghhom ghalkemm ma jkunx hemm ksur tal-ligi, ma jaghtux ezempju tajjeb lil min ikun qieghed jarahom. F'dan il-kaz il-Qorti jiddispjaciha li ghandha quddiemha ex-membru tal-Korp tal-Pulizija liema membri tal-Korp tal-Pulizija jgawdu mill-ikbar stima u appogg minn din il-Qorti. Tifhem li fil-hajja jista' jkun hemm cirkostanzi ta' dalma u jsiru affarijiet li jtappnu karriera shiha fil-Korp tal-Pulizija. Il-Qorti rriflettiet hafna fuq is-sentenza li ghandha tinghata f'dan il-kaz u dan anke ghal fatt li quddiemha hemm ftehim kongunt bejn l-Ufficju tal-Avukat Generali u d-Difiza.

Ghalkemm l-Qorti ghandha t-tentazzjoni illi taghti ezempju bil-kaz tal-imputat u taghti piena ta' prigunerija effettiva, mhix se taghmel dan ghaliex thoss li jekk taghmel dan tkun qieghda twiegeb ghall-ghajta tal-poplu meta jishaq fuq "*sallbu sallbu*" dejjem jekk il-persuna ma tkunx qarib taghha. Il-Qorti temmen f'gustizzja riparatrici u mhix lesta li tissodisfa l-ghajta ta' dawk li xhin jiftlilhom jiktbu fil-gazzetti u l-*portals* u jattakkaw kif gie gie;

F' dan il-kaz il-Qorti esprimiet ruhha waqt il-procedura li ghalkemm kienet tippreferi li l-imputat jinghata numru ta' sieghat ta' servizz fil-komunita' bla hlas flok sentenza sospiza, se tirrispetta l-ftehim bejn l-Ufficju tal-Avukat Generali u d-Difiza;

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat fir-rigward tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, il-Qorti ma tistax hlief ssibu hati ta' dawn l-istess imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu;

Illi in linea generali jibda biex jinghad li:

> *Il-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif*

*ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[1]

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi fosthom l-ammissjoni bikrija tieghu, il-fatt illi l-imputat skuza ruhu mas-socjeta' u l-fatt li se jrodd lura l-flus kollha li ha bhala overtime meta ma kienx misthoqq u l-pattegjament li sar bejn l-Ufficju tal-Avukat Generali u d-difiza;

[1] Ir-**Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef**: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti wara li rat Artikoli 23(A) 392 (A) (5) u Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 kif ukoll Artikolu 5 tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti issib lil imputat Mark Camilleri hati u tikkundannah sentejn (2) prigunerija u bl-applikazzjoni ta' artikolu 28A tal-Kodici Kriminali tordna li dawn ikunu sospizi ghall-erba` (4) snin kif ukoll hlas lura tas-somma ta' erbat elef, disa` mija , erbgha u tletin Ewro u erbgha u hamsin centezmu (€ 4,934.54) fi zmien sitt xhur millum skont kif jipprovdi artikolu 28H tal-istess Kodici.

Rat illi ebda spejjez peritali ma gew inkorsi, ghalhekk ma hemmx applikazzjoni ta' l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante li l-Prosekuzzjoni ma indikatx taht liema artikolu tal-ligi qieghda titlob l-interdizzjoni generali u konsegwenza ta' liema imputazzjoni qieghda tintalab, il-Qorti tichad it-talba.[2]

---

**Dr. Joseph Mifsud**

**Magistrat**

[2] Il-Qorti rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri fl-ismijiet il-**Pulizija vs Godfrey Formosa** deciza fis-27 ta' Frar 2019 mill-Imhallef Edwina Grima fejn ma kinetx imposta din is-sanzjoni ghal ksur ta' artikoli simili ghal tal-imputat. Rat ukoll is-setenza tal-Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet il-**Pulizija (Spetter Alexandra Farrugia Mamo) vs Michael Spiteri** deciza mill-Magistrat Jacqueline Padovani Grima fejn ghal ksur ta' artikoli simili ma minetx imposta din is-sanzjoni.